



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

26 ta' Ottubru 2023*

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Ipproċessar ta’ data personali – Regolament (UE) 2016/679 – Artikoli 12, 15 u 23 – Dritt ta’ aċċess tas-suġġett tad-data għad-data tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata – Dritt li tinkiseb mingħajr ħlas l-ewwel kopja ta’ din id-data – Ipproċessar ta’ data ta’ pazjent mit-tabib tiegħu – Fajl mediku – Raġunijiet għat-talba għal aċċess – Użu tad-data għall-finijiet tal-istabbiliment tar-responsabbiltà tal-persuna li ttiprovdi trattament mediku – Kunċett ta’ ‘kopja’”

Fil-Kawża C-307/22,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja), permezz ta’ deċiżjoni tad-29 ta’ Marzu 2022, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-10 ta’ Mejju 2022, fil-proċedura

FT

vs

DW

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Arabadjiev, President tal-Awla, T. von Danwitz, P. G. Xuereb, A. Kumin u I. Ziemele (Relatriċi), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: N. Emiliou,

Reġistratur: A. Calot Escobar,

wara li rat il-proċedura bil-miktub,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għall-Gvern Latvjan, minn K. Pommere, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn A. Bouchagiar, F. Erlbacher u H. Kranenborg, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tal-20 ta’ April 2023,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 12(5), tal-Artikolu 15(3), u tal-Artikolu 23(1)(i) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2, iktar 'il quddiem ir-“RĠPD”).
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn FT u DW, dwar ir-rifjut ta' FT, dentista, li tikkomunika lill-pazjent tagħha l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu mingħajr ħlas.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

- 3 Skont il-premessa 4 tar-RĠPD:

“[...] Id-dritt għall-protezzjoni tad-*data* personali mhuwiex dritt assolut; huwa għandu jiġi kkunsidrat b'rabta mal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà u jkun ibbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħrajn, f'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità. Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha u josserva l-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta [tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea] kif integrata fit-Trattati, b'mod partikolari [...] il-libertà tal-intrapriża [...]”
- 4 Il-premessi 10 u 11 tar-RĠPD jistipulaw:

“(10) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi u sabiex jitneħħew l-ostakoli għaċ-ċirkolazzjoni tad-*data* personali fl-Unjoni [Ewropea], il-livell ta' protezzjoni tad-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' din id-*data* għandu jkun ekwivalenti fl-Istati Membri kollha. [...]”

(11) Il-protezzjoni effettiva tad-*data* personali fl-Unjoni kollha teħtieġ it-tisħiħ u l-ispeċifikar fid-dettall tad-drittijiet tas-suġġetti tad-*data* u l-obbligi ta' dawk li jipproċessaw u jiddeterminaw l-ipproċessar ta' *data* personali [...]”
- 5 Skont il-premessa 13 tar-RĠPD:

“[...] Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, u l-Istati Membri u l-awtoritajiet superviżorji tagħhom huma mħeġġa jieħdu kont tal-ħtiġijiet speċifiċi tal-mikrointrapriżi, l-intrapriżi żgħar u dawk ta' daqs medju fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. [...]”

6 Il-premessa 58 tar-RĠPD tispeċifika:

“Il-prinċipju tat-trasparenza jeħtieġ li kwalunkwe informazzjoni indirizzata lill-pubbliku jew lis-suġġett tad-*data* tkun konċiża, aċċessibbli faċilment u faċli li tinftiehem, u li jintuża lingwaġġ ċar u sempliċi u, barra minn hekk, fejn meħtieġ, tintuża l-viżwalizzazzjoni. Tali informazzjoni tista’ tingħata f’forma elettronika, pereżempju, meta tiġi indirizzata lill-pubbliku, permezz ta’ sit elettroniku. Dan huwa partikolarment rilevanti f’sitwazzjonijiet fejn il-proliferazzjoni ta’ atturi u l-komplessità teknoloġika tal-prattika jagħmluha diffiċli għas-suġġett tad-*data* li jkun jaf u jifhem jekk hijiex, minn min u għal liema għan qed tinġabar *data* personali dwaru, bħal fil-każ ta’ reklamar online. Minħabba li t-tfal jistħoqqilhom protezzjoni speċifika, kwalunkwe informazzjoni u komunikazzjoni, fejn l-ipproċessar huwa indirizzat lil xi minorenni, għandha tkun f’lingwaġġ ċar u sempliċi li l-minorenni jista’ jifhem faċilment.”

7 Il-premessa 59 tar-RĠPD tipprevedi:

“Għandhom jiġu pprovduti modalitajiet biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju mis-suġġett tad-*data* tad-drittijiet tiegħu taħt dan ir-Regolament, inklużi mekkaniżmi sabiex jintalab u jekk applikabbli, jinkiseb, bla ħlas, b’mod partikolari, l-aċċess għal u r-rettifika jew it-tħassir ta’ *data* personali u l-eżerċizzju tad-dritt li joġġezzjona. [...]”

8 Il-premessa 63 tar-RĠPD hija fformulata b’dan il-mod:

“Suġġett tad-*data* għandu jkollu d-dritt ta’ aċċess għal *data* li tkun inġabret dwaru, u li jeżerċita dak id-dritt faċilment u f’intervalli raġonevoli, sabiex ikun jaf dwar, u jivverifika, il-legalità tal-ipproċessar. Dan jinkludi d-dritt tas-suġġetti tad-*data* li jkollhom aċċess għad-*data* dwar saħħithom, pereżempju d-*data* fir-reġistri mediċi tagħhom li jkun fihom informazzjoni bħal dijanjosi, riżultati ta’ eżamijiet, valutazzjonijiet mit-tobba li qed jittrattawhom u kwalunkwe kura jew intervent ipprovdut. [...]”

9 L-Artikolu 4 tar-RĠPD jipprevedi:

“Għall-finijiet ta’ dan ir-Regolament:

(1) ‘*data* personali’ tfisser kwalunkwe informazzjoni relatata ma’ persuna fiżika identifikata jew identifikabbli (‘suġġett tad-*data*’); persuna fiżika identifikabbli hija persuna li tista’ tiġi identifikata, direttament jew indirettament, b’mod partikolari b’referenza għal mezz ta’identifikazzjoni bħal isem, numru ta’ identifikazzjoni, *data* ta’ lokalizzazzjoni, identifikatur *online* jew għal fattur wieħed jew aktar speċifiċi għall-identità fiżika, fiżjoloġika, ġenetika, mentali, ekonomika, kulturali jew soċjali ta’ dik il-persuna fiżika;

(2) ‘ipproċessar’ tfisser kwalunkwe attività jew sett ta’ attivitajiet li jitwettqu fuq *data* personali jew fuq settijiet ta’ *data* personali, sew jekk b’mezzi awtomatizzati u sew jekk mingħajrhom, bħalma huma l-ġbir, ir-reġistrazzjoni, l-organizzazzjoni, l-istrutturar, il-ħażna, l-adattament jew il-bidliet, l-irkupru, il-konsultazzjoni, l-użu, l-iżvelar bi trażmissjoni, it-tixrid jew it-tqegħid għad-dispożizzjoni b’xi mezz ieħor, l-allinjament jew it-taħlita, ir-restrizzjoni, it-tħassir jew il-qerda;

[...]”

10 L-Artikolu 12 tar-RĠPD jipprovdi:

“1. Il-kontrollur għandu jieħu miżuri adatti biex jipprovdi kwalunkwe informazzjoni msemmija fl-Artikoli 13 u 14 u kwalunkwe komunikazzjoni skont l-Artikoli 15 sa 22 u 34 relatata mal-ipproċessar lis-suġġett tad-*data* f'forma konċiża, trasparenti, intelliġibbli u faċilment aċċessibbli, bl-użu ta' lingwaġġ ċar u sempliċi, b'mod partikolari għal kwalunkwe informazzjoni indirizzata speċifikament lil minorenni. L-informazzjoni għandha tiġi pprovduta bil-miktub, jew b'mezzi oħra, inkluż, fejn xieraq, b'mezzi elettroniċi. Meta tintalab mis-suġġett tad-*data*, l-informazzjoni tista' tingħata bil-fomm dment li tingħata prova tal-identità tas-suġġett tad-*data* b'mezzi oħra.

2. Il-kontrollur għandu jiffaċilita l-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-*data* skont l-Artikoli 15 sa 22. [...]

[...]

5. L-informazzjoni pprovduta skont l-Artikoli 13 u 14 u kwalunkwe komunikazzjoni u kwalunkwe azzjoni skont l-Artikoli 15 sa 22 u 34 għandhom jingħataw mingħajr ħlas. Fejn it-talbiet minn suġġett tad-*data* jkunu manifestament bla bażi jew eċċessivi, b'mod partikolari minħabba n-natura ripetittiva tagħhom, il-kontrollur jista' jew:

(a) jimponi ħlas raġonevoli waqt li jqis l-ispejjeż amministrattivi talli jipprovdi l-informazzjoni jew il-komunikazzjoni jew talli jieħu l-azzjoni mitluba; jew

(b) jirrifjuta li jieħu azzjoni fuq it-talba.

Il-kontrollur għandu jerfa' r-responsabbiltà li juri n-natura manifestament mingħajr bażi jew eċċessiva tat-talba.

[...]”

11 L-Artikolu 15 tar-RPĠD jipprovdi:

“1. Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur konferma dwar jekk id-*data* personali li tikkonċerna lilu hijiex qiegħda tiġi proċessata jew le, u, fejn dan ikun il-każ, l-aċċess għad-*data* personali u l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-finijiet tal-ipproċessar;

(b) il-kategoriji ta' *data* personali inkwistjoni;

(c) ir-riċevituri jew il-kategoriji ta' riċevituri li lilhom tkun ġiet żvelata jew ser tiġi żvelata d-*data* personali, b'mod partikolari riċevituri f'pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali;

(d) fejn possibbli, il-perijodu mbassar li matulu d-*data* personali tkun ser tinħażen, jew jekk mhux possibbli, il-kriterji użati biex jiġi ddeterminat dak il-perijodu;

(e) l-eżistenza tad-dritt li jitlob mingħand il-kontrollur rettifika jew tħassir tad-*data* personali jew restrizzjoni tal-ipproċessar tad-*data* personali rigward is-suġġett tad-*data* jew li joġġezzjona għal tali pproċessar;

- (f) id-dritt li jitressaq ilment quddiem awtorità superviżorja;
 - (g) fejn id-*data* personali ma tingabarx mis-suġġett tad-*data*, kwalunkwe informazzjoni disponibbli rigward is-sors tagħhom;
 - (h) l-eżistenza ta' teħid awtomatizzat ta' deċiżjonijiet, inkluż it-tfassil ta' profili, imsemmi fl-Artikolu 22(1) u (4) u, għall-inqas f'dawk il-każijiet, l-informazzjoni importanti dwar il-loġika involuta, kif ukoll is-sinifikat u l-konsegwenzi previsti ta' tali pproċessar għas-suġġett tad-*data*.
2. Fejn id-*data* personali tkun trasferita lil pajjiż terz jew lil organizzazzjoni internazzjonali, is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jiġi informat rigward is-salvagwardji adatti skont l-Artikolu 46 rigward it-trasferiment.
3. Il-kontrollur għandu jipprovdli kopja tad-*data* personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata. Għal aktar kopji mitluba mis-suġġett tad-*data*, il-kontrollur jista' jimponi tariffa raġonevoli bbażata fuq l-ispejjeż amministrattivi. Fejn is-suġġett tad-*data* jagħmel it-talba b'mezzi elettroniċi, u sakemm ma jkunx mitlub mod ieħor mis-suġġett tad-*data*, l-informazzjoni għandha tiġi pprovduta f'forma elektronika użata b'mod komuni.
4. Id-dritt li tinkiseb kopja msemmiya fil-paragrafu 3 ma għandux jaffettwa b'mod negattiv id-drittijiet u l-libertajiet ta' oħrajn.”
- 12 L-Artikoli 16 u 17 tal-imsemmi regolament jistabbilixxu, rispettivament, id-dritt tas-suġġett tad-*data* li jikseb ir-rettifika tad-*data* personali li ma tkunx eżatta (dritt għar-rettifika), kif ukoll id-dritt, f'ċerti ċirkustanzi, għat-tħassir ta' din id-*data* (dritt għal tħassir jew “dritt li wieħed jintesa”).
- 13 L-Artikolu 18 tal-istess regolament, intitolat “Dritt għal restrizzjoni tal-ipproċessar”, jipprovdli, fil-paragrafu 1 tiegħu:
- “Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li jikseb mingħand il-kontrollur ir-restrizzjoni tal-ipproċessar fejn tkun tapplika waħda minn dawn:
- (a) is-suġġett tad-*data* jikkontesta l-eżattezza tad-*data* personali, għal perijodu li jippermetti li l-kontrollur jivverifika l-eżattezza tad-*data* personali;
 - (b) l-ipproċessar huwa illegali u s-suġġett tad-*data* jopponi t-tħassir tad-*data* personali u jitlob minflok ir-restrizzjoni tal-użu tagħha;
 - (c) il-kontrollur ma jkollux aktar bżonn tad-*data* personali għall-għanijiet tal-ipproċessar, iżda din tkun meħtieġa mis-suġġett tad-*data* għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta' talbiet legali;
 - (d) is-suġġett tad-*data* jkun oġġezzjona għall-ipproċessar skont l-Artikolu 21(1) sakemm jiġi vverifikat jekk il-kriterji leġittimi tal-kontrollur jegħlbux dawk tas-suġġett tad-*data*.”

- 14 L-Artikolu 21 tar-RĠPD, intitolat “Dritt ta’ oġġezzjoni”, jipprevedi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

“Is-suġġett tad-*data* għandu d-dritt li joġġezzjona, għal raġunijiet relatati mas-sitwazzjoni partikolari tiegħu, fi kwalunkwe mument għall-ipproċessar ta’ *data* personali li tikkonċerna lilu li hija bbażata fuq il-punt (e) jew (f) tal-Artikolu 6(1), inkluż it-tfassil ta’ profili abbażi ta’ daww id-dispożizzjonijiet. Il-kontrollur ma għandux jibqa’ jipproċessa d-*data* personali sakemm il-kontrollur ma jagħtix raġunijiet leġittimi konvinċenti għall-ipproċessar li jegħlbu l-interessi, id-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġett tad-*data* jew għall-istabbiliment, l-eżerċizzju jew id-difiża ta’ talbiet legali.”

- 15 Skont l-Artikolu 23(1) tar-RĠPD:

“Il-liġi tal-Unjoni jew ta’ Stat Membru li għaliha jkun soġġett il-kontrollur jew il-proċessar tad-*data* tista’ tirrestrinġi permezz ta’ miżura leġiżlattiva l-kamp ta’ applikazzjoni tal-obbligi u d-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 u l-Artikolu 34, kif ukoll l-Artikolu 5 sakemm id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkorrispondu mad-drittijiet u l-obbligi previsti fl-Artikoli 12 sa 22, meta tali restrizzjoni tirrispetta l-essenza tad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali u hija miżura meħtieġa u proporzjonata f’soċjetà demokratika għas-salvagwardja ta’:

[...]

(i) il-protezzjoni tas-suġġett tad-*data* jew id-drittijiet u l-libertajiet ta’ persuni oħrajn;

[...]”

Id-dritt Ġermaniż

- 16 Skont l-Artikolu 630f tal-Bürgerliches Gesetzbuch (il-Kodiċi Ċivili, iktar ’il quddiem il-“BGB”), il-persuna li tipprovdi t-trattament mediku hija obbligata żżomm fajl mediku bil-miktub jew elettronikament għall-iskop ta’ dokumentazzjoni b’konnessjoni temporali diretta mat-trattament. Il-persuna li tipprovdi t-trattament mediku hija obbligata tirreġistra fil-fajl mediku tal-pazjent il-miżuri kollha li, mil-lat mediku, ikunu essenzjali għat-trattament attwali u futur, u r-riżultati ta’ dawn il-miżuri, b’mod partikolari l-istorja tal-pazjent, id-dijanjożi, l-eżamijiet, ir-riżultati tal-eżamijiet, is-sejbiet, it-terapiji u l-effetti tagħhom, il-proċeduri u l-effetti tagħhom, il-kunsensi u kwalunkwe spjegazzjoni mogħtija. Il-persuna li tipprovdi t-trattament mediku għandha żżomm il-fajl tal-pazjent għal għaxar snin wara l-konklużjoni tat-trattament sakemm dispożizzjonijiet oħra ma jimponux perijodi ta’ żamma differenti.
- 17 Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 630g(1) tal-BGB, il-pazjent għandu, fuq talba, jingħata aċċess immedjat għall-fajl mediku kollu li jikkonċernah, sakemm dan l-aċċess ma jkunx prekluż minn raġunijiet sinjifikattivi relatati mat-trattament jew minn drittijiet sinjifikattivi oħra ta’ partijiet terzi. Skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-BGB, il-pazjent jista’ wkoll jitlob kopji elettroniċi tal-fajl mediku. Fid-dawl tal-espożizzjoni tal-motivi tal-liġi, dan għandu jinftiehem fis-sens li l-pazjent jista’ jitlob, skont l-għażla tiegħu, il-produzzjoni ta’ kopji fiżiċi jew elettroniċi. It-tieni sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-BGB tipprevedi li l-pazjent għandu jirrimborsa l-ispejjeż sostnuti lill-persuna li tipprovdi t-trattament mediku.

It-tilwima fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 18 DW irċieva kura dentali mingħand FT. Minħabba li kellu suspett li kienu twettqu żbalji waqt it-trattament li ngħata, DW talab lil FT tagħtih, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu. FT indikat lil DW li hija kienet ser twieġeb b'mod favorevoli għat-talba tiegħu fil-każ biss li jħallas l-ispejjeż marbuta mal-ġhoti tal-kopja tal-fajl mediku, kif jipprevedi d-dritt nazzjonali.
- 19 DW ippreżenta rikors kontra FT. Fl-ewwel istanza kif ukoll fl-appell, intlaqgħet it-talba ta' DW intiża li jingħata, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu. Dawn id-deċiżjonijiet kienu bbażati fuq interpretazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli fid-dawl tal-Artikolu 12(5) kif ukoll tal-Artikolu 15(1) u (3) tar-RĠPD.
- 20 Adita b'rikors għal reviżjoni minn FT, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja, il-Ġermanja) tqis li s-soluzzjoni tat-tilwima tiddependi mill-interpretazzjoni li għandha tingħata lid-dispożizzjonijiet tar-RĠPD.
- 21 Il-qorti tar-rinviju tirrileva li, skont id-dritt nazzjonali, il-pazjent jista' jikseb kopja tal-fajl mediku tiegħu, bil-kundizzjoni li jirrimborsa lill-persuna li tipprovdi t-trattament mediku l-ispejjeż ikkawżati.
- 22 Madankollu, mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3), moqrija flimkien mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 12(5) tar-RĠPD, jista' jirriżulta li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, f'dan il-każ il-persuna li tipprovdi t-trattament mediku, huwa obligat jagħti lill-pazjent l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu mingħajr ħlas.
- 23 L-ewwel, il-qorti tar-rinviju tirrileva li DW qiegħed jitlob l-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu bil-għan li tiġi stabbilita r-responsabbiltà ta' FT. Tali għan ma huwiex relatat ma' dak previst fil-premessa 63 tar-RĠPD, li tipprevedi d-dritt ta' aċċess għad-data personali bil-għan li jinkiseb għarfien dwar l-ipproċessar ta' din id-data u li tiġi vverifikata l-legalità tiegħu. Madankollu, il-formulazzjoni tal-Artikolu 15 tar-RĠPD ma tissuġġettax l-eżerċizzju tad-dritt għal komunikazzjoni għal tali raġunijiet. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni ma teżiġix li s-suġġett tad-data jimmotiva t-talba tiegħu għal komunikazzjoni.
- 24 It-tieni, il-qorti tar-rinviju tenfasizza li l-Artikolu 23(1) tar-RĠPD jippermetti l-adozzjoni ta' miżuri leġiżlattivi nazzjonali li jillimitaw il-portata tal-obbligi u tad-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 ta' dan ir-regolament sabiex jiġi ggarantit wieħed mill-għanijiet previsti f'din id-dispożizzjoni. F'dan il-każ, FT qiegħda tinvoka l-għan tal-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' ħaddieħor li jinsab fl-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD u ssostni li s-sistema tariffarja tat-tieni sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-BGB hija miżura neċessarja u proporzjonata sabiex jiġu protetti l-interessi leġittimi tal-persuni li jipprovdu t-trattament mediku, li tippermetti, bħala regola ġenerali, li jiġu evitati talbiet għal kopja mingħajr raġuni min-naħa tal-pazjenti kkonċernati.
- 25 Madankollu, minn naħa, it-tieni sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-BGB ġiet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tar-RĠPD.
- 26 Min-naħa l-oħra, is-sistema tariffarja tat-tieni sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-BGB hija maħsuba primarjament sabiex tipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-persuni li jipprovdu trattament mediku. Għaldaqstant, għandu jiġi ddeterminat jekk l-interess ta' dawn tal-aħħar li ma jbatux l-ispejjeż u l-piżijiet marbuta mal-ġhoti ta' kopji ta' data jaqax taħt id-drittijiet u l-libertajiet ta' ħaddieħor fis-sens tal-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD. Barra minn hekk, it-trasferiment sistematiku lill-pazjenti

tal-ispejjeż marbuta mal-kopji tal-fajls mediċi tagħhom jista' jidher eċċessiv, peress li la jieħu inkunsiderazzjoni l-ammont tal-ispejjeż effettivament ikkawżati u lanqas iċ-ċirkustanzi partikolari ta' kull talba.

- 27 It-tielet, sa fejn DW qiegħed jitlob li jingħata kopja tad-dokumenti mediċi kollha li jikkonċernawh, u għalhekk tal-fajl mediku tiegħu, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar il-portata tad-dritt li tinkiseb kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata, kif stabbilit fl-Artikolu 15(3) tar-RĠPD. F'dan ir-rigward, dan id-dritt jista' jiġi ssodisfatt permezz tal-komunikazzjoni ta' sunt tad-data pproċessata mit-tabib. Madankollu, jidher li l-għanijiet ta' trasparenza u ta' sħarriġ tal-legalità previsti fir-RĠPD jimmilitaw favur il-komunikazzjoni ta' kopja tad-data kollha li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar ikollu f'forma mhux ipproċessata, jiġifieri tad-dokumenti mediċi kollha li jikkonċernaw lill-pazjent kemm-il darba jkun fihom tali data.
- 28 F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Bundesgerichtshof (il-Qorti Federali tal-Ġustizzja) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari segwenti:
- “(1) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-[RĠPD], moqrija flimkien mal-Artikolu 12(5) tiegħu, għandha tiġi interpretata fis-sens li l-kontrollur (f'dan il-każ: it-tabib li qiegħed jipprovdi t-trattament) ma huwiex marbut jipprovdi mingħajr hlaqas lis-suġġett tad-data (f'dan il-każ: il-pazjent) l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu pproċessata mill-imsemmi kontrollur meta s-suġġett tad-data ma jitlobx il-kopja għall-finijiet iċċitati fl-ewwel sentenza tal-premessa 63 tar-RĠPD, jiġifieri li jkollu għarfien tal-ipproċessar tad-data personali tiegħu u l-possibbiltà li jivverifika l-legalità ta' dan l-ipproċessar, iżda għal fini differenti, li ma hijiex relatata mal-protezzjoni tad-data iżda hija leġittima (f'dan il-każ: il-verifika tal-eżistenza tad-drittijiet fil-qasam tar-responsabbiltà medika)?
- (2) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda:
- (a) Skont l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD, dispożizzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li tkun għet adottata qabel id-dħul fis-seħħ tar-RĠPD tikkostitwixxi wkoll restrizzjoni tad-dritt li tiġi pprovduta mingħajr hlaqas kopja tad-data personali pproċessata mill-kontrollur, kif previst fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3), moqrija flimkien mal-Artikolu 12(5) tar-RĠPD?
- (b) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 2a: l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li d-drittijiet u l-libertajiet tal-oħrajn li hemm riferiment għalihom hemmhekk jinkludu wkoll l-interess tagħhom li jiġu lliberati mill-ispejjeż marbuta mal-provvista ta' kopja tad-data skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD u minn spejjeż oħra sostnuti minħabba t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-kopja?
- (c) Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għad-domanda 2b: leġiżlazzjoni nazzjonali li, fil-kuntest tar-relazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent, tipprovdi li t-tabib dejjem għandu dritt għar-rimbors tal-ispejjeż fil-konfront tal-pazjent fil-każ ta' provvista ta' kopja tad-data personali tal-pazjent mill-fajl mediku tiegħu, u dan indipendentement miċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-każ individwali, tikkostitwixxi restrizzjoni tad-drittijiet u tal-obbligi skont l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD, li jirriżultaw mill-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD, moqrija flimkien mal-Artikolu 12(5) tar-RĠPD?

- (3) Fil-każ ta' risposta fin-negattiv għall-ewwel domanda u għad-domandi 2a, 2b jew 2c: fil-kuntest tar-relazzjoni bejn it-tabib u l-pazjent, id-dritt skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD ikopri d-dritt għall-provvista ta' kopji tal-partijiet kollha tal-fajl mediku tal-pazjent li jinkludu d-data personali tal-pazjent jew ikopri biss il-provvista ta' kopja tad-data personali tal-pazjent bħala tali, fejn it-tabib kontrollur jibqa' liberu li jiddeċiedi l-modalità ta' kumpilazzjoni tad-data għall-pazjent ikkonċernat?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ewwel domanda

- 29 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 15(1) u (3) tar-RĠPD għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-obbligu li s-suġġett tad-data jingħata, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata huwa impost fuq il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, anki meta din it-talba tkun motivata minn għan li ma jkunx marbut ma' dawk previsti fl-ewwel sentenza tal-premessa 63 ta' dan ir-regolament.
- 30 Preliminarjament, għandu jittfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex tingħata interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, ma għandhomx jittieħdu inkunsiderazzjoni biss il-kliem tagħha, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll il-kuntest tagħha u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha tagħmel parti (sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Österreichische Post (Informazzjoni dwar id-destinatarji ta' data), C-154/21, EU:C:2023:3, punt 29).
- 31 Fir-rigward, l-ewwel, tal-formulazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti, għandu jiġi rrilevat, minn naħa, li l-Artikolu 12(5) tar-RĠPD jistabbilixxi l-prinċipju li l-eżerċizzju tad-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata u għall-informazzjoni relatata ma' dan l-ipproċessar ma għandu jimplika ebda spejjeż għas-suġġett tad-data. Barra minn hekk, din id-dispożizzjoni tipprevedi żewġ raġunijiet li għalihom kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jista' jew jitlob il-ħlas ta' spejjeż raġonevoli li jieħdu inkunsiderazzjoni l-ispejjeż amministrattivi, jew jirrifjuta li jilqa' talba. Dawn ir-raġunijiet jirrigwardaw każijiet ta' abbuż ta' dritt, li fihom it-talbiet tas-suġġett tad-data jkunu "manifestament bla bażi" jew "eċċessivi", b'mod partikolari minħabba n-natura repetittiva tagħhom.
- 32 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju rrilevat espressament li t-talba tas-suġġett tad-data ma kinitx abbużiva.
- 33 Min-naħa l-oħra, id-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata u għall-informazzjoni relatata ma' dan l-ipproċessar, li jagħmel parti integrali mid-dritt għall-protezzjoni tad-data personali, huwa ggarantit fl-Artikolu 15(1) tar-RĠPD. Skont il-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni, is-suġġetti tad-data għandhom id-dritt ta' aċċess għad-data personali tagħhom li tkun qiegħda tiġi pproċessata.
- 34 Barra minn hekk, mill-Artikolu 15(3) tar-RĠPD jirriżulta li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar għandu jipprovdi kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata u jista' jitlob il-ħlas ta' spejjeż raġonevoli għal kull kopja addizzjonali mitluba mis-suġġett tad-data. F'dan ir-rigward, il-paragrafu 4 ta' dan l-artikolu jippreċiża li l-paragrafu 3 tal-imsemmi artikolu

jagħti “dritt” lil dan is-suġġett tad-data. Għaldaqstant, tali hłas jista’ jintalab mill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar biss meta s-suġġett tad-data jkun diġà rċieva, mingħajr hłas, l-ewwel kopja tad-data tiegħu u jressaq talba oħra għaliha.

- 35 Kif diġà ddeċidiet il-Qorti tal-Ġustizzja, minn analiżi testwali tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD jirriżulta li din id-dispożizzjoni tagħti lis-suġġett tad-data d-dritt li jikseb riproduzzjoni fidila tad-data personali tiegħu, mifhuma f’sens wiesa’, li tkun is-suġġett ta’ operazzjonijiet li għandhom jiġu kklassifikati bħala “ipproċessar imwettaq mill-kontrollur responsabbli għal dan l-ipproċessar” (sentenza tal-4 ta’ Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF, C-487/21, EU:C:2023:369, punt 28).
- 36 Għaldaqstant, minn qari flimkien tal-Artikolu 12(5) u tal-Artikolu 15(1) u (3) tar-RĠPD jirriżultaw, minn naħa, id-dritt tas-suġġett tad-data li jikseb l-ewwel kopja mingħajr hłas tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata u, min-naħa l-oħra, il-possibbiltà offruta lill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, taħt ċerti kundizzjonijiet, li jitlob il-hłas ta’ spejjeż raġonevoli li jieħdu inkunsiderazzjoni l-spejjeż amministrattivi, jew li jirrifjuta li jilqa’ talba jekk din tal-aħħar tkun manifestament infondata jew eċċessiva.
- 37 F’dan il-każ, għandu jiġi rrilevat li tabib li jwettaq l-operazzjonijiet ta’ pproċessar imsemmija fil-punt 2 tal-Artikolu 4 tar-RĠPD fir-rigward tad-data tal-pazjenti tiegħu għandu jitqies li huwa “kontrollur”, fis-sens tal-punt 7 tal-Artikolu 4 ta’ dan ir-regolament, suġġett għall-obbligi li timplika din il-kwalità, b’mod partikolari l-obbligu li jiggarantixxi aċċess għad-data personali fuq talba tas-suġġetti tad-data.
- 38 Għandu jiġi kkonstatat li la l-formulazzjoni tal-Artikolu 12(5) tal-GDPR u lanqas dik tal-Artikolu 15(1) u (3) ta’ dan ir-regolament ma jissuġġettaw l-għoti, mingħajr hłas, tal-ewwel kopja tad-data personali għall-invokazzjoni, minn dawn is-suġġetti tad-data, ta’ raġuni intiża li tiġġustifika t-talbiet tagħhom. Għalhekk, dawn id-dispożizzjonijiet ma jagħtux lill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar il-possibbiltà li jeżiġi raġunijiet għat-talba għal aċċess imressqa mis-suġġett tad-data.
- 39 Fir-rigward, it-tieni, tal-kuntest tad-dispożizzjonijiet iċċitati iktar ’il fuq, għandu jiġi enfasizzat li l-Artikolu 12 tar-RĠPD jaqa’ taħt it-Taqsima 1 tal-Kapitolu III ta’ dan ir-regolament, li tirrigwarda b’mod partikolari l-prinċipju ta’ trasparenza, stabbilit fl-Artikolu 5(1)(a) tal-imsemmi regolament.
- 40 L-Artikolu 12 tar-RĠPD jistabbilixxi għalhekk l-obbligi ġenerali li jaqgħu fuq il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar fir-rigward tat-trasparenza tal-informazzjoni u tal-komunikazzjonijiet, kif ukoll il-modalitajiet tal-eżerċizzju tad-drittijiet tas-suġġett tad-data.
- 41 L-Artikolu 15 tar-RĠPD, li jaqa’ taħt it-Taqsima 2 tal-Kapitolu III, li tirrigwarda l-informazzjoni u l-aċċess għad-data personali, jikkompleta l-qafas ta’ trasparenza tar-RĠPD billi jagħti lis-suġġett tad-data dritt ta’ aċċess għad-data personali tiegħu u dritt għal informazzjoni dwar l-ipproċessar ta’ din id-data.
- 42 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li, skont il-premessa 59 tar-RĠPD, “[g]ħandhom jiġu pprovduti modalitajiet biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju mis-suġġett tad-*data* tad-drittijiet tiegħu taħt dan ir-Regolament, inklużi mekkaniżmi sabiex jintalab u jekk applikabbli, jinkiseb, bla hłas, b’mod partikolari, l-aċċess għal u r-rettifika jew it-tħassir ta’ *data* personali u l-eżerċizzju tad-dritt li joġġezzjona.”

- 43 Peress li, kif jirriżulta mill-punt 38 ta' din is-sentenza, is-suġġett tad-data ma huwiex obligat jimmotiva t-talba ta' aċċess għad-data, l-ewwel sentenza tal-premessa 63 ma tistax tiġi interpretata fis-sens li din it-talba għandha tiġi miċħuda jekk ikollha għan differenti minn dak li s-suġġett tad-data jsir jaf bl-ipproċessar tad-data u li jivverifika l-legalità tiegħu. Fil-fatt, din il-premessa ma tistax tillimita l-portata tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD, kif imfakkra fil-punt 35 ta' din is-sentenza.
- 44 F'dan ir-rigward, għandu jittfakkar li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-preambolu ta' att tad-dritt tal-Unjoni ma għandux valur ġuridiku vinkolanti u la jista' jiġi invokat issir deroga mid-dispożizzjonijiet stess tal-att ikkonċernat u lanqas biex dawn id-dispożizzjonijiet jiġu interpretati f'sens manifestament kuntrarju għall-formulazzjoni tagħhom (sentenza tat-13 ta' Settembru 2018, Česká pojišťovna, C-287/17, EU:C:2018:707, punt 33).
- 45 Barra minn hekk, il-premessa 63 tiddikjara, skont it-tieni sentenza tagħha, li d-dritt ta' aċċess għad-data personali mogħti lis-suġġetti tad-data għandu jinkludi, fir-rigward tad-data dwar is-saħħa tagħhom, "d-data fir-reġistri mediċi tagħhom li jkun fihom informazzjoni bħal dijanjosi, riżultati ta' eżamijiet, valutazzjonijiet mit-tobba li qed jittrattawhom u kwalunkwe kura jew intervent iprovdut".
- 46 F'dawn iċ-ċirkustanzi, id-dritt ta' aċċess għad-data dwar is-saħħa ggarantit fl-Artikolu 15(1) tar-RĠPD ma jistax jiġi llimitat, permezz ta' rifjut ta' aċċess jew permezz tal-impożizzjoni tal-ħlas ta' korrispettiv, għal waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-ewwel sentenza tal-premessa 63. Dan jgħodd ukoll għad-dritt li tinkiseb l-ewwel kopja mingħajr ħlas, kif previst fl-Artikolu 12(5) u fl-Artikolu 15(3) ta' dan ir-regolament.
- 47 It-tielet, fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mir-RĠPD, għandu jiġi rrilevat li dan ir-regolament għandu l-għan, kif jindikaw il-premessi 10 u 11 tiegħu, li jiżgura livell koerenti u għoli ta' protezzjoni tal-persuni fiżiċi fi ħdan l-Unjoni kif ukoll li jsaħħaħ u jippreċiża d-drittijiet tas-suġġett tad-data.
- 48 Huwa preċiżament għall-finijiet tat-twettiq ta' dan l-għan li l-Artikolu 15(1) jiggarantixxi lis-suġġett tad-data dritt ta' aċċess għad-data personali tiegħu (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-22 ta' Ġunju 2023, Pankki S, C-579/21, EU:C:2023:501, punt 57 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 49 Għaldaqstant, l-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 15(1) u (3) tar-RĠPD jagħmlu parti mid-dispożizzjonijiet intiżi li jiggarantixxu dan id-dritt ta' aċċess kif ukoll it-trasparenza tal-modalitajiet ta' pproċessar tad-data personali fir-rigward tas-suġġett tad-data (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2023, Österreichische Post (Informazzjoni dwar id-destinatarji ta' data personali), C-154/21, EU:C:2023:3, punt 42).
- 50 Issa, il-prinċipju li l-ewwel kopja tad-data għandha tingħata mingħajr ħlas kif ukoll l-assenza ta' neċessità li tiġi invokata raġuni speċifika li tiġġustifika t-talba għal aċċess jikkontribwixxu neċessarjament sabiex jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju mis-suġġett tad-data tad-drittijiet mogħtija lill-mir-RĠPD.
- 51 Għaldaqstant, fid-dawl tal-importanza li r-RĠPD jagħti lid-dritt ta' aċċess għad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata, kif iggarantit fl-Artikolu 15(1) tar-RĠPD, sabiex jintlaħqu tali għanijiet, l-eżerċizzju ta' dan id-dritt ma jistax ikun suġġett għal kundizzjonijiet li ma ġewx espressament previsti mil-leġislatur tal-Unjoni, bħall-obbligu li tiġi invokata waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-ewwel sentenza tal-premessa 63 tar-RĠPD.

- 52 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għall-ewwel domanda hija li l-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 15(1) u (3) tar-RĠPD għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-obbligu li s-suġġett tad-data jingħata, mingħajr h̄las, l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata huwa impost fuq il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar anki meta din it-talba tkun motivata minn għan li ma jkunx marbut ma' daww previsti fl-ewwel sentenza tal-premessa 63 tal-imsemmi regolament.

Fuq it-tieni domanda

- 53 Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD għandux jiġi interpretat fis-sens li jawtorizza leġislazzjoni nazzjonali, adottata qabel id-dħul fis-seh̄h ta' dan ir-regolament, li, sabiex jiġu protetti l-interessi ekonomiċi tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, timponi fuq is-suġġett tad-data l-ispejjeż tal-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun is-suġġett ta' dan l-ipproċessar.
- 54 Fl-ewwel lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk humiex biss il-miżuri nazzjonali adottati wara d-dħul fis-seh̄h tar-RĠPD li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 23(1) tar-RĠPD, għandu jiġi enfasizzat li l-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma tinkludi ebda indikazzjoni f'dan ir-rigward.
- 55 Fil-fatt, l-Artikolu 23(1) tar-RĠPD sempliċement jindika li miżura leġislattiva ta' Stat Membru tista' tillimita l-portata tal-obbligi u tad-drittijiet previsti fl-Artikoli 12 sa 22 ta' dan ir-regolament sakemm dawn il-miżuri jikkorrispondu għad-drittijiet u għall-obbligi previsti f'dawn l-artikoli u meta tali limitazzjoni tosserva l-essenza tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali u tikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata sabiex tiġi ggarantita, b'mod partikolari, il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta' h̄addiehor.
- 56 Għaldaqstant, l-Artikolu 23(1) tar-RĠPD ma jeskludix mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu l-miżuri leġislattivi nazzjonali adottati qabel id-dħul fis-seh̄h tar-RĠPD, sakemm dawn jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti minnu.
- 57 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kwistjoni dwar jekk leġislazzjoni nazzjonali li, sabiex tipproteġi l-interess ekonomiku tal-persuni li jipprovdu trattament mediku, timponi fuq il-pazjent l-ispejjeż marbuta mal-provvista tal-ewwel kopja tal-fajl mediku mitlub minn dan tal-aħħar, taqax taħt l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD, għandu jinfakkar, l-ewwel, li, kif jirriżulta mill-punti 31 u 33 sa 36 ta' din is-sentenza, skont l-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 15(1) u (3) ta' dan ir-regolament, huwa rrikonoxxut li s-suġġett tad-data għandu dritt jikseb mingħajr h̄las l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata.
- 58 It-tieni sentenza tal-Artikolu 15(3) tal-GDPR tawtorizza, madankollu, lill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jitlob il-h̄las ta' spejjeż raġonevoli bbażati fuq l-ispejjeż amministrattivi għal kull kopja addizzjonali. Barra minn hekk, l-Artikolu 12(5) tar-RĠPD, moqri fid-dawl tal-Artikolu 15(1) u (3) ta' dan ir-regolament, jippermetti lill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jipproteġi ruħu kontra l-użu abbużiv tad-dritt ta' aċċess, billi jeżiġi l-h̄las ta' spejjeż raġonevoli, fil-każ ta' talba manifestament infondata jew eċċessiva.
- 59 It-tieni, skont il-premessa 4 ta' dan ir-regolament, id-dritt għall-protezzjoni tad-data personali ma huwiex dritt assolut u għandu jiġi bbilanċjat ma' drittijiet fundamentali oħra, konformement mal-prinċipju ta' proporzjonalità. Għalhekk, ir-RĠPD jirrispetta d-drittijiet fundamentali kollha

u josserva l-libertajiet u l-prinċipji rrikonoxxuti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, stabbiliti fit-Trattati (sentenza tal-24 ta' Frar 2022, Valsts ieņēmumu dienests (Ipproċessar ta' data personali għal finijiet fiskali), C-175/20, EU:C:2022:124, punt 53).

- 60 Fil-fatt, l-Artikolu 15(4) tar-RĠPD jipprevedi li “[i]d-dritt li tinkiseb kopja [...] ma għandux jaffettwa b’mod negattiv id-drittijiet u l-libertajiet ta’ oħrajn”.
- 61 Bl-istess mod, l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD ifakkar li limitazzjoni tal-portata tal-obbligi u tad-drittijiet previsti b’mod partikolari fl-Artikolu 15 tar-RĠPD hija possibbli meta tali limitazzjoni tosserva l-essenza tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali u tikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata f’soċjetà demokratika sabiex tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-“drittijiet u l-libertajiet ta’ persuni oħrajn”.
- 62 Għaldaqstant, mill-punti 59 sa 61 ta’ din is-sentenza jirriżulta li d-dritt irrikonoxxut lis-suġġett tad-data li jkiseb mingħajr ħlaq l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata ma huwiex dritt assolut.
- 63 It-tielet, huma biss kunsiderazzjonijiet dwar, fost oħrajn, il-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet ta’ ħaddieħor li huma ta’ natura li jiġġustifikaw limitazzjoni ta’ dan id-dritt, sakemm tali limitazzjoni tosserva l-essenza tiegħu u sakemm tikkostitwixxi miżura neċessarja u proporzjonata sabiex tiġi ggarantita din il-protezzjoni, kif jipprevedi l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD.
- 64 Issa, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, is-sistema tariffarja prevista fit-tieni sentenza tal-Artikolu 630g(2) tal-BGB tippermetti lill-persuna li tipprovdi trattament mediku tgħaddi fuq il-pazjent ir-responsabbiltà li jħallas l-ispejjeż marbuta mal-ġhoti tal-ewwel kopja tal-fajl mediku tiegħu. Il-qorti tar-rinviju tenfasizza li din is-sistema hija intiża, prinċipalment, li tipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-persuni li jipprovdu trattament mediku, li għandu jiddiswadi lill-pazjenti milli jressqu inutilment talbiet għal kopja tal-fajl mediku tagħhom. Għalhekk, sa fejn il-leġiżlazzjoni nazzjonali inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha effettivament l-għan li tipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-persuni li jipprovdu trattament mediku, punt dan li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, tali kunsiderazzjonijiet ma jistgħux jaqgħu taħt id-“drittijiet u l-libertajiet ta’ persuni oħrajn” imsemmija fl-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD.
- 65 Fil-fatt, l-ewwel, tali leġiżlazzjoni twassal sabiex tiddiswadi mhux biss it-talbiet li jkunu inutili, iżda wkoll it-talbiet intiżi li tinkiseb, għal raġuni leġittima, l-ewwel kopja, mingħajr ħlaq, tad-data personali pproċessata. Għaldaqstant, hija neċessarjament tikser il-prinċipju li l-ewwel kopja għandha tingħata mingħajr ħlaq u għalhekk iddaħħal inkwistjoni l-effett utli tad-dritt ta’ aċċess previst fl-Artikolu 15(1) tar-RĠPD kif ukoll, bl-istess mod, il-protezzjoni ggarantita minn dan ir-regolament.
- 66 It-tieni, mid-deċiżjoni tar-rinviju ma jirriżultax li l-interessi protetti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali jmorru lil hinn minn kunsiderazzjonijiet ta’ natura purament amministrattiva jew ekonomika.
- 67 F’dan ir-rigward, għandu jiġi enfasizzat li l-interessi ekonomiċi tal-kontrolluri responsabbli għall-ipproċessar ittieħdu inkunsiderazzjoni mil-leġiżlatur tal-Unjoni, skont l-Artikolu 12(5) u t-tieni sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD, li, kif tfakkar fil-punt 58 ta’ din is-sentenza, jiddefinixxu ċ-ċirkustanzi li fihom il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar jista’ jitlob il-ħlaq tal-ispejjeż marbuta mal-ġhoti ta’ kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata.

- 68 F'dawn iċ-ċirkustanzi, it-tfittxija tal-għan marbut mal-protezzjoni tal-interessi ekonomiċi tal-persuni li jipprovdu trattament mediku ma tistax tiġġustifika miżura li twassal sabiex jiddaħħlu inkwistjoni d-dritt li tinkiseb, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja u, b'hekk, l-effett utli tad-dritt ta' aċċess tas-suġġett tad-data għad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata.
- 69 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għat-tieni domanda hija li l-Artikolu 23(1)(i) tar-RĠPD għandu jiġi interpretat fis-sens li tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni leġislazzjoni nazzjonali adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Madankollu, tali possibbiltà ma tippermettix li tiġi adottata leġislazzjoni nazzjonali li, bil-għan li tipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, timponi fuq is-suġġett tad-data l-ispejjeż tal-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun is-suġġett ta' dan l-ipproċessar.

Fuq it-tielet domanda

- 70 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD għandhiex tiġi interpretata fis-sens li, fil-kuntest ta' relazzjoni bejn tabib u pazjent, id-dritt li tinkiseb kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata jimplika li s-suġġett tad-data jingħata kopja sħiħa tad-dokumenti li jinsabu fil-fajl mediku tiegħu u li jinkludu d-data personali tiegħu jew biss kopja ta' din id-data bħala tali.
- 71 L-ewwel nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li, skont il-formulazzjoni tagħha, l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD tagħti lis-suġġett tad-data d-dritt li jikseb riproduzzjoni fidila tad-data personali tiegħu, mifhuma f'sens wiesa', li tkun is-suġġett ta' operazzjonijiet li għandhom jiġu kklassifikati bħala "ipproċessar" imwettaq mill-kontrollur responsabbli għal dan l-ipproċessar (sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF, C-487/21, EU:C:2023:369, punt 28).
- 72 Sussegwentement, l-Artikolu 15 tar-RĠPD ma jistax jiġi interpretat fis-sens li jistabbilixxi, fl-ewwel sentenza tal-paragrafu 3 tiegħu, dritt distint minn dak previst fil-paragrafu 1 tiegħu. Barra minn hekk, il-kelma "kopja" ma tirreferix għal dokument bħala tali, iżda għad-data personali inkluża fih, li għandha tkun kompleta. Għalhekk, il-kopja għandha tinkludi d-data personali kollha li tkun qiegħda tiġi pproċessata (sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF, C-487/21, EU:C:2023:369, punt 32).
- 73 Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-għanijiet imfittxija mill-Artikolu 15 tar-RĠPD, dan għandu l-għan li jsaħħa u jippreċiża d-drittijiet tas-suġġetti tad-data. B'hekk, id-dritt ta' aċċess previst f'din id-dispożizzjoni għandu jippermetti lis-suġġett tad-data jiżgura ruħu li d-data personali li tikkonċernah hija eżatta u li qiegħda tiġi pproċessata b'mod legali. Barra minn hekk, il-kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata, li l-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar għandu jagħti skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD, għandu jkollha l-karatteristiċi kollha li jippermettu lis-suġġett tad-data jeżerċita effettivament id-drittijiet tiegħu taħt dan ir-regolament u għandha, għaldaqstant, tirriproduċi din id-data b'mod sħiħ u fidil (sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF, C-487/21, EU:C:2023:369, punti 33, 34 u 39).
- 74 B'mod partikolari, sabiex jiġi żgurat li l-informazzjoni mogħtija mill-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar tkun tista' tinftiehem faċilment, kif jeżiġi l-Artikolu 12(1) tal-GDPR, moqri fid-dawl tal-premessa 58 ta' dan ir-regolament, ir-riproduzzjoni ta' estratti ta' dokumenti jew ta' dokumenti sħiħ li jinkludu, fost oħrajn, id-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata tista'

tirriżulta indispensabbli fil-każ li l-kuntestwalizzazzjoni tad-data pproċessata tkun neċessarja sabiex jiġi żgurat li tkun tista' tinftiehem (sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF, C-487/21, EU:C:2023:369, punt 41).

- 75 Għaldaqstant, id-dritt li tinkiseb, mingħand il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata jimplika li s-suġġett tad-data jingħata riproduzzjoni fidila u li tinftiehem ta' din id-data kollha. Dan id-dritt jimplika d-dritt li tinkiseb kopja ta' estratti ta' dokumenti, jew anki ta' dokumenti sħaħ, li jinkludu, fost oħrajn, l-imsemmija data, jekk l-ġhoti ta' tali kopja jkun indispensabbli sabiex is-suġġett tad-data jkun jista' jeżerċita effettivament id-drittijiet mogħtija lil minn dan ir-regolament (sentenza tal-4 ta' Mejju 2023, Österreichische Datenschutzbehörde u CRIF, C-487/21, EU:C:2023:369, punt 45).
- 76 Fir-rigward tal-informazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, għandu jiġi rrilevat li r-RĠPD jidentifika elementi li tagħhom ir-rikorrent fil-kawża prinċipali għandu jkun jista' jitlob kopja. B'hekk, fir-rigward tad-data personali relatata mas-saħħa, il-premessa 63 ta' dan ir-regolament tispeċifika li d-dritt ta' aċċess tas-suġġetti tad-data jinkludi "*d-data* fir-reġistri mediċi tagħhom li jkun fihom informazzjoni bħal dijanjosi, riżultati ta' eżamijiet, valutazzjonijiet mit-tobba li qed jittrattawhom u kwalunkwe kura jew intervent ipprovdut".
- 77 F'dan ir-rigward, kif irrileva essenzjalment l-Avukat Ġenerali fil-punti 78 sa 80 tal-konklużjonijiet tiegħu, huwa minħabba n-natura sensittiva tad-data personali relatata mas-saħħa tal-persuni fiżiċi li l-leġiżlatur tal-Unjoni b'hekk enfażizza l-importanza li l-aċċess minn dawn tal-aħħar għad-data tagħhom inkluża fil-fajl mediku tagħhom isir bl-iktar mod komplet u preċiż possibbli, iżda wkoll b'mod li jinftiehem.
- 78 Issa, fir-rigward tar-riżultati ta' eżamijiet, tal-opinjonijiet tat-tobba li jipprovdu t-trattament jew tat-trattamenti jew tal-interventi amministrati lil pazjent, li jinkludu, bħala regola ġenerali, diversi elementi ta' data teknika, jew anki immaġini, l-ġhoti ta' sempliċi sommarju jew ta' kompilazzjoni ta' din id-data mit-tabib, sabiex jippreżentahom f'forma sintetika, jista' joħloq ir-riskju li ċerta data rilevanti titħalla barra jew tiġi riprodotta b'mod inkorrekt jew, fi kwalunkwe każ, li l-verifika tal-eżattezza u tal-kompletezza ta' din id-data kif ukoll il-komprensjoni tagħha mill-pazjent isiru iktar diffiċli.
- 79 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għat-tielet domanda hija li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-RĠPD għandha tiġi interpretata fis-sens li, fil-kuntest ta' relazzjoni bejn tabib u pazjent, id-dritt li tinkiseb kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata jimplika li s-suġġett tad-data jingħata riproduzzjoni fidila u li tinftiehem ta' din id-data kollha. Dan id-dritt jimplika d-dritt li tinkiseb kopja sħiħa tad-dokumenti li jinsabu fil-fajl mediku tiegħu li jinkludu, fost oħrajn, l-imsemmija data, jekk il-provvista ta' tali kopja tkun neċessarja sabiex is-suġġett tad-data jkun jista' jverifika l-eżattezza u l-kompletezza tagħha kif ukoll sabiex jiġi ggarantit li din id-data tkun tista' tinftiehem. Fir-rigward tad-data dwar is-saħħa tas-suġġett tad-data, dan id-dritt jinkludi fi kwalunkwe każ dak li jikseb kopja tad-data tal-fajl mediku tiegħu b'informazzjoni bħalma huma d-dijanjosi, ir-riżultati ta' eżamijiet, l-opinjonijiet tat-tobba li jipprovdu trattament u kull trattament jew intervent amministrati lil dan is-suġġett tad-data.

Fuq l-ispejjeż

- 80 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li għandha tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

- 1) L-Artikolu 12(5) u l-Artikolu 15(1) u (3) tar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data)

għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

l-obbligu li s-suġġett tad-data jingħata, mingħajr ħlas, l-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun qiegħda tiġi pproċessata huwa impost fuq il-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar anki meta din it-talba tkun motivata minn għan li ma jkunx marbut ma' dawk previsti fl-ewwel sentenza tal-premessa 63 tal-imsemmi regolament.

- 2) L-Artikolu 23(1)(i) tar-Regolament 2016/679

għandu jiġi interpretat fis-sens li:

tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni leġiżlazzjoni nazzjonali adottata qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament. Madankollu, tali possibbiltà ma tippermettix li tiġi adottata leġiżlazzjoni nazzjonali li, bil-għan li tipproteġi l-interessi ekonomiċi tal-kontrollur responsabbli għall-ipproċessar, timponi fuq is-suġġett tad-data l-ispejjeż tal-ewwel kopja tad-data personali tiegħu li tkun is-suġġett ta' dan l-ipproċessar.

- 3) L-ewwel sentenza tal-Artikolu 15(3) tar-Regolament 2016/679

għandha tiġi interpretata fis-sens li:

fil-kuntest ta' relazzjoni bejn tabib u pazjent, id-dritt li tinkiseb kopja tad-data personali li tkun qiegħda tiġi pproċessata jimplika li s-suġġett tad-data jingħata riproduzzjoni fidila u li tinftiehem ta' din id-data kollha. Dan id-dritt jimplika d-dritt li tinkiseb kopja sħiħa tad-dokumenti li jinsabu fil-fajl mediku tiegħu li jinkludu, fost oħrajn, l-imsemmija data, jekk il-provvista ta' tali kopja tkun neċessarja sabiex is-suġġett tad-data jkun jista' jivverifika l-eżattezza u l-kompletezza tagħha kif ukoll sabiex jiġi ggarantit li din id-data tkun tista' tinftiehem. Fir-rigward tad-data dwar is-saħħa tas-suġġett tad-data, dan id-dritt jinkludi fi kwalunkwe każ dak li jikseb kopja tad-data tal-fajl mediku tiegħu b'informazzjoni bħalma huma d-dijanjożi, ir-riżultati ta' eżamijiet, l-opinjonijiet tat-tobba li jipprovdu trattament u kull trattament jew intervent amministrati lil dan is-suġġett tad-data.

Firem